MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Avviz Numru. 128/2010

**Oliver Muscat u Alexandra Muscat**

**vs**

**Il-Korporazzjoni Enemalta u G & P Borg Limited**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-atturi pprezentaw rikors nhar l-20 ta' April 2010 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti solidalment jew min minnhom ihalsuhom dik is-somma likwidata minn din il-Qorti bhala danni prevja dikjarazzjoni ta' responsabilita' u dan konsegwenti ghall-incident li gara fi Triq il-Misura Swieqi fis-6 ta' Ottubru 2009 peress li waqt xoghlijiet esgwiti mill-kuntratur G & P Borg Limited gara eccess u surg ta' vultagg fl-eletricita' li kkawzatilhom danni.

Ghall-finijiet ta' kompetenza ghandu jigi dikjarat li l-ammont tal-pretensjoni ma teccedix hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centesmu (€ 11,646.87).

Bl-imghax mid-data tal-incident. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-**Korporazzjoni Enemalta** prezentata fis-17 ta' Mejju 2010 fejn eccepiet:

*"Ili l-pretensjonijiet ta' l-atturi fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-Korporazzjoni m'ghandha taghti xejn u s-somma pretiza mhijiex dovuta.*

*Illi ghaldaqstant it-talbiet atturi fil-konfront tal-Korporazjoni Enemalta ghandhom jigu michuda.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta **G & P Borg Limited** pprezentata fl-24 ta' Gunju 2010 fejn eccepiet:

*1. "Illi t-talbiet tal-atturi kif kontenuti fir-rikos promotur ghandhom jigu michuda stante li s-socjeta' esponenti mhix responsabbli ghall-incident allegat fl-istess, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*
*2. Illi ghalhekk fejn jirrigwarda s-socjeta' eseponenti, ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Minghajr pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz kwalsiasi dannu ghandu jigippruvat skond il-ligi.*
*3. Illi konsegwentement ma hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta' esponenti ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.*
*4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez."*

Illi fis-26 ta' Ottubru 2010 xehed **Oliver Muscat** u kkonferma li fis-6 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tad-9.30 jew l-10.00 ta' filghodu il-vultagg tad-dawl ghola fir-

residenza tieghu Justlu, Triq il-Mizura, Ta’ l-Ibragg, Swieqi. Jaf li ntefa’ kollox u hargu ‘l barra fit-triq u wara ftit kien mar il-*foreman* tal-Enemalta certu Briffa u qalilhom li kien hemm problema izda kien ser jirranga kollox. Talabhom sabiex jitfu l-main sabiex jirranga kollox imbaghad qalilhom biex jergghu jixghelu kollox meta jghidilhom.

Ix-xhud qal li meta l-vultagg kien ghola, l-appliances li kienu qed jiffunzjonaw dak il-hin kollha marru, id-dawl inqata’ awtomatikament u ghalhekk il-plakek ma hadmux aktar. Meta lesta mix-xoghol talabhom sabiex jergghu jixghelu kull ma hemm u jghidulu xi hsarat kellhom. Huma bdew jipprovaw l-affarijiet u xejn ma hadem. Huwa ghamel lista tal-oggetti li kellu ftit hsara fihom liema lista giet immarkata bhala Dok. CSH. Il-*foreman* qalilhom sabiex jaghmlu rapport mal-pulizija u *claim* mal-Korporazzjoni Enemalta u hekk ghamlu. Huwa esebixxa kopja tal-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. CSH 1 u spjega li mieghu kien hemm tmien minn nies ohra li kienu qed jirraportaw dak li kien gara lil pulizija.

Huwa esebixxa lista ohra li giet immarkata bhala Dok. CSH 2 li tindika l-oggetti li kellhom hafna hsara u din il-lista ghaddieha lill-Enemalta. In segwitu kien tkellem mas-socjeta’ B Nell Engineering Consultancy u dawn kienu ghamlu r-rapport taghhom li huwa mmarkat bhala Dok. CSH 3 u kien ghadda kopja ta’ dan ir-rapport lic-chairman tal-Korporazzjoni Enemalta. Ix-xhud spjega li kien mela wkoll il-claim form tal-Korporazzjoni Enemalta u esebixxa kopja taghha li giet immarkata bhala Dok. CSH 4. Din il-*claim form* tikkonsisti fi tlett pagni u fiha hemm indikati wiehed u ghoxrin oggett.

Huwa mar il-Korporazzjoni Enemalta u zewg impjegati hemm qalulu sabiex jara x’jista jirranga minnhom u johdilhom l-ircevuti fiskali ta’ dawk l-oggetti li jirranga.

Huwa hekk ghamel u esbixxa diversi dokumenti bl-ircevuti li ghandu.

1. Huwa irranga l-air conditioner ghand Pantalesco u esebixxa l-ircevuta relattiva li giet immarkata bhala Dok. CSH 5.
2. Il-printer kien marlu biss il-power supply u skond is-CTS Computers huwa hallas hamsa u ghoxrin Ewro (€25) skond l-ircevuta li esebixxa li giet immarkata bhala Dok CSH 6.
3. Wiehed mill-kompjuters kellu wkoll xi hsara u rrangawh fil-hanut Klikk Computer Store u dan swielu hamsa u tletin Ewro (€35) biex irrangah kif jirrizulta mill-ircevuta li esebixxa u li giet immarkata bhala Dok. CSH 7.
4. Dwar it-tnax l-oggett l-iehor dawn kienu *beyond economical repair* kif jirrizulta mid-dokument li esebixxa u mmarkat bhala Dok. CSH 8 mahrug mill-hanut E Tech ta' Vjal il-Kottoner.
5. Huwa kien hallas lil dan il-hanut is-somma ta' mija u wiehed u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€171.16) ghax-xoghol li kien ghamel kif jirrizulta mid-Dok. CSH 9.
6. Sussegwentement kien mar u xtara cordless phone u dan ghal prezz ta' mija u dsatax-il Ewro (€119) minghand Dickens skond l-ircevuta esebita u mmarkata bhala Dok. CSH 10.
7. Huwa esebixxa ricevuta ohra mmarkata bhala Dok. CSH 11 li hija ricevuta ta' television Samsung 52 inch u Blue Ray Home Theatre li xtara ghall-prezz ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600) u
8. Ricevuta ohra mmarkata bhala Dok. CSH 12 dwar xiri ta' televixin Samsung 32 inch. Ikkonferma li dawn l-affarijiet gew mixtrija godda ghaliex dawk li kellu ma ssewwewx.
9. Huwa esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. CSH 13 li hija ricevuta mahruga mill-Clamus Office Supplies dwar Play Station console, li nxtara gdid peress li skond l-hanut E-Tech dak li kellu kien *beyond economical repair.*
10. Esebixxa ricevuta ohra mmarkata bhala Dok CSH 14 mahruga mill-I Scan ta' wireless router li xtara ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€ 25.50).
11. Esebixxa ricevuta mmarkata Dok CSH 15 ohra mahruga mill-hanut Tip Top Electronics fl-ammont ta'

sebgha u tletin Ewro (€37) u dan dwar ix-xiri ta’ DVD player tad-ditta Toshiba.
12. Esebixxa ricevuta ta’ Dream Box li giet immarkata bhala Dok. CSH 16 fejn hemm indikat li l-prezz sabiex is-sistema tigi mibdula tiswa sitt mija u hames Ewro (€605).
13. Esebixxa dikjarazzjoni mahruga mid-Dream box li ccertfikaw li huwa kien xtara l-Ecco Star Satelite Receiver Dreambox u Satelite Dish minn ghandhom immarkata bhala Dok. CSH 17.
14. Esebixxa ricevuta dwar ix-xiri ta’ washing machine minghand JJ Scerri Import and Distributor li giet immarkata bhala Dok. CSH 18 u dan stante li l-magna inharqet. Il-VAT receipt markata bhala Dok CSH 19 relattiva ghax-xiri tal-*washing machine.*
15. Ipprezenta dokument mahrug minn CTS Computers nhar il-21 ta’ Ottubru 2009 fl-ammont ta’ sitt mija u disghin Ewro (€690) dwar HP laptop li gie immarkat bhala Dok. CSH 20.
16. Ipprezenta wkoll dokument mahrug mill-attur stess li jindika l-*washing machine* li kien xtara minghand Euronics liema hanut pero’ m’ghadux miftuh dan id-dokument gie markat bhala Dok. CSH 21.

L-attur kompla jghid il huwa ha dawn id-dokumenti kollha ghand il-Korporazzjoni Enemalta izda certu Amanda impjegata hemmhekk qaltlu li l-Korporazzjoni Enemalta kienet bidlet il-policy taghhom fis-sens li ma jhallsux id-danni izda semmai inaqsu dan id-debitu mill-kontijiet tad-dawl. Huwa qal li dan ma kienx accettabli ghalih ghaliex ma kellux kontijiet pendenti izda baqa’ maghha li kellu jmur jiehu parir. Qal li in segwitu kien ircieva ittra minghand il-Korporazzjoni fejn din kienet qed tesimi ruhha minn kwalsiasi responsabilita’. Minn kalkoli li ghamel irrizulta li bhala danni sofra l-ammont ta’ ghaxart elef, tliet mija u disgha u erbghin Ewro (€ 10,349).

**Oliver Muscat** xehed nhar id-19 ta’ Jannar 2011 u esebixxa dokument li l-gie markat bhala Dok. Z u jghid illi fl-ewwel faccata ta’ dan id-dokument hemm indikati l-oggetti li huwa ghad fadallu jixtri u ddikjara li l-valur taghhom jammonta ghal elfejn, tmien mija, erbgha u sittin Euro (€2,864). Huwa spjega li fit-tieni faccata ta’ dan l-

istess dokument hemm l-oggetti li huwa fil-fatt diga' xtara u hallas ghalihom. Dawn ammontaw ghal hamest elef, tlett mija, tmienja u ghoxrin Ewro sebgha u tmenin centezmi (€5,328.87). Dan id-dokument gie mhejji minnu a bazi ta' l-ircevuti li huwa diga' pprezenta l-Qorti.

**Alexandra Muscat**, mart l-attur xehdet nhar id-19 ta' Jannar 2011 u kkonfermat li fis-6 ta' Ottubru 2009 kien hemm problema fl-elettriku s-Swieqi u dan peress li kien hemm kambjament fil-voltagg u minhabba f'hekk sofrew diversi hsarat. Kienu gabu lill-Inginier Bonello sabiex idur d-dar taghhom u jispezzjona l-oggetti tal-elettriku li kien hemm fid-dar inkluz l-appliances u fil-fatt kien ghamel rapport dwar il-hsara li rrizultalu. Spjegat li dan ir-rapport huwa esebit fl-atti mmarkat bhala Dok. CSH 3.

Hija kkonfermat d-dokumenti esebiti mir-ragel taghha u qalet li ghad hemm diversi oggetti li kellhom jinxtraw mill-gdid bhala rizultat ta' dan l-incident, liema oggetti huma indikati f'dokument Z. Ikkonfermat ukoll dak li qal ir-ragel u cioe' li kienu gja xtraw diversi oggetti in segwitu ta' dan l-incident liema oggetti huma indikati fit-tieni faccata tad-dokument esebit u mmarkat bhala Dok. Z. Iddikjarat ukoll li kien hemm diversi girien fit-triq taghhom li soffrew hsarat bhalhom bhala rizultat ta' dan il-voltagg qawwi.

**L-Inginier Victor Bonello** xehed fid-19 ta' Jannar 2011 u kkonferma li kien ghamel spezzjoni fil-propjeta' ta' Oliver Muscat u dana ghan-nom tas-socjeta' B&L Engeenering Consultancy u kien hejja rapport relattiv datat 9 ta' Ottubru 2009. Huwa identifika fir-rapport tieghu, li jinsab esebit a fol 22 et seq, l-affarijiet li kellhom il-hsara bhala rizultat tal-voltagg qawwi li kien hemm dakinhar rapportat mis-sinjuri Muscat. Tenna li fil-fatt dan kien jew fid-9 ta' Ottubru jew lejliet ta' l-ispezzjoni tieghu. Ikkonferma r-rapport tieghu esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala Dok CSH 3.

**Antoinette Mifsud Zahra** xehdet fit-23 ta' Novembru 2011 fejn iddikjarat li hija tokkupa l-kariga ta' Co-ordinator tal-Customer Care tal-Enemalta. Fit-13 ta' Ottubru 2009 kienu rcevew ittra datata 13 ta' Ottubru 2009 minghand Oliver Muscat fejn kienu gew infurmati li fis-6 ta' Ottubru

tal-istess sena kien hemm qtugh fis-servizz tal-elettriku u kien hemm hsara fir-residenza tieghu. Ma' din l-ittra huwa baghat lista tad-danni li huwa sofra li tammonta ghal tnax-il elf, hamsa u sebghin Ewro (€12,075). Ix-xhud esebiet kopja ta' din l-ittra u l-istima li l-Qorti mmarkat bhala Dok. Z. Sussegwentament ix-xhud baghtet dan ir-rapport sabiex jigi nvestigat u skond l-ufficjal tal-Enemalta Manwel Briffa li huwa Ufficjal Tekniku sab illi kien hemm kuntrattur li kien qabad il-linji tal-Enemalta, ghaffighom u rabathom u kawza t'hekk inqatghu l-linji li kkawzaw dawn il-hsarat lil Muscat. Il-kuntrattur kien G&P Borg Limited, u huma fil-fatt kienu kitbu lil Oliver Muscat fejn gharrfuh b'dan. Dan deher mid-dokument li gie esebit u mmarkat bhala Dok. X.

**Emanuel Briffa** xehed nhar il-11 ta' Jannar 2012 u stqarr illi huwa jokkupa il-kariga ta' Technical Officer, Foreman mal-Enemalta. Spjega illi fis-6 ta' Ottubru 2009 kien gie nfurmat minn Moira Schembri, s-segretarja tas-site fejn kien qed isir xi bini, li kien hemm xi '*sparks*' fis-sistema tal-elettriku. Fil-fatt ir-rapprezentant taghhom tad-distrett infurmah li kien qed jircievi xi rapporti dwar hruq ta' appliances fl-akkwati. Meta sussugwentament huwa qabad ma' dan ir-rapport mar fuq is-site in kwistjoni u sab li l-linji kienu kollha mqacctin u dan propju fis-site fejn kien qed isir xi bini, fejn kien hemm l-ex-hobit. Bhala kuntrattur inkarigat mix-xogholijiet kien hemm is-socjeta' G & P. Borg. Il-linji kienu kollha *ibbuncjati* flimkien u n-neutral kien inqata', u ghalhekk kien tiela l-vultagg.

Qal li in segwitu li gibed numru ta' ritratti, u ghamel rapport lill-pulizija. Esebixxa kopja ta' dawn ir-ritratti li gew immarkati bhala dokument EB. Esebixxa wkoll, kopja tan-*neutral failure instant report*, li huwa kien gja pprezenta gewwa il-Korporazzjoni. Ikkonferma li l-linji tal-Enemalta ma jkunux ghaddejin bhal kif hemm indikat fir-ritratti murija fid-dokument X, esebit minnu llum. Dawn is-soltu jkunu ghaddejjin puliti mal-hajt, kif murija fir-ritratt immarkat bhala dokument Y. Huwa jahseb li xi hadd, possibilment inkarigat mill-kuntrattur, pero' dan mhux cert minnu, qabad u *ibbuncjhom* flimkien, u hekk giet ikkagunata il-hsara. Fil-fatt tenna li jekk wiehed jezamina fil-vicin ir-ritratti jinnota s-swidija li harget mill-cable, kif ukoll hemm

il-linji maqtugha. Sussegwentament mar jaghmel rapport lil pulizija minhabba l-hsara li sofriet ukoll l-Enemalta. Fid-dokument EB hemm l-istima dwar id-danni sofferti. Dawn id-danni jammontaw ghal €175.078 – dawn huma l-istess danni sofferti mill-Enemalta.

**WPC 185 Vanessa Mula Debono** xehdet fit-28 ta’ Marzu 2012 fejn esebiet l-okkorrenza rigward l-incident in kwistjoni li sehh fis-6 ta’ Ottubru 2009, fejn kien gie rrapurtat minn foreman tal-Enemalta Manuel Briffa, li minn Triq il-Misura, Swieqi kienu qeghdin jircievu hafna complaints li kien hemm problemi dwar l-elettriku. In segwitu huwa kien mar fuq il-post u kien sab numru ta’ wires ibbunchjati flimkien, u dan gewwa construction site. Ix-xhud esebiet kopja ta’ din l-okkorrenza li giet immarkata bhala dokument DS. Fuq dan ir-rapport saret investigazzjoni ulterjuri mis-superjuri taghha.

**Paul Galea** xehed ukoll fit-28 ta’ Marzu 2012 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ Principal Technical Officer mal-Korporazzjoni Enemalta. Meta sehh dan l-incident fis-6 ta’ Ottubru 2009 huwa kien inkarigat mid-distrett ta’ tas-Sliema li jinkludi wkoll is-Swieqi. Ghal habta ta’ April 2009 kienet saret applikazzjoni minn xi donati biex jaqa’ bini, liema bini kien jismu The Hobbit. Naturalment kien hemm il-linji ghaddejjin mal-faccata kif isir is-soltu u huwa mar fis-sit biex jara kif jista’ jnehhi l-wiring biex il-bini effettivament ikun jista’ jitwaqqa’. Il-procedura tas-soltu hi li jkun hemm il-wall bracket li jaqalawh u jhalluh imdendel mal-hajt. Dan sabiex ir-residenti adjacenti jkollhom uzu l-istess u huma jkunu jistghu jhottu l-bini. Ix-xhud kompla jghid li meta huma jistaqsuhom biex jaghmlu arblu fuq il-bankina biex is-sitwazzjoni tigi forma ta’ V, il-klijent ma jkunx irid ghax ma jkunx jista’ jopera liberament il-crane. Ix-xhud xtaq jghid li sa meta nqala’ dan il-wiring, ma kienx hemm problemi u lanqas periklu.

Naturalment il-kuntrattur inkarigat waqqa’ l-bini u mbaghad jigi certu zmien biex il-kuntrattur il-gdid jerga’ jibni, u li matul dak il-perjodu ma kellhomx rapporti li kien hemm xi perikolu. Huwa spjega li huwa jkollu mijiet minn dawn it-tip ta’ rapporti. Pero’ f’dan il-kaz ma kellu l-ebda

rapport. Ix-xhud saritlu referenza ghar-ritratti murija a fol 98 tal-atti.  Huwa spjega li x'aktarx li meta nbena x-xoghol kien sar xi armar ta' tavlar u qal ukoll li l-linja giet fuq it-tavlar. Jidher ukoll li kien hemm xi ramel imxerred ma' l-art. Ix-xhud pero' ma kienx prezenti.

Ix-xhud iddikjara li hu ovvju li l-materjal ghadda minn fuq il-wires. Is-sens komun jghid li s-soltu t-tavlar isir minn fuq il-wiring biex ma jkunx hemm problemi ghaliex wara kollox mill-wiring jghaddi l-eletriku. Huwa esebixxa dokument li l-Qorti mmarkat bhala dokument EG.

**PS 928 Ramon Mifsud Grech** xehed ukoll fit-28 ta' Marzu 2012 fejn gie mistoqsi jekk huwa kienx fuq il-post irraportat fid-dokument VS u qal li le, ma kienx mar. Huwa kien kellem lill-kuntrattur certu Jason Borg. Dan kien ikkonferma max-xhud li kien hu stess li rrapporta l-Enemalta biex jghidilhom dwar dan l-incident. Ix-xhud ghamel referenza ghar-rapport esebit fl-atti u kkonferma dak li hemm miktub.

**Jason Borg** xehed fil-21 ta' Novembru 2012 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala foreman mal-GP Borg Limited. Huwa kkonferma li fis-6 ta' Ottubru 2009, kien sehh incident fi Triq il-Misura, Swieqi, tal-Ibragg. Huwa spjega li kien hemm tnejn minn nies minn taghhom li jahdmu bil-fattura, pero' ma kienux qed jahdmu fuq il-faccatta ta' fejn kienu ghaddejjin il-wires. Huma qalulhom li kien hemm xi spark tal-wires tal-Enemalta li kienu ma' xulxin. Huwa stqarr illi ma kienx fuq il-post. Il-haddiema kienu, pero' nesa' x'jisimhom u llum il-gurnata lanqas ghadhom jahdmu maghhom u fil-fatt jekk ma kienx sejjer zball lanqas huma ta' nazzjonalita' Maltija.

Huwa kompla jispjega li mbaghad cempel l-ufficcju taghhom sabiex icemplu l-Enemalta biex jinfurmhom dwar l-ispark li kien hemm. Sussugwentament mar l-ghassa u ghamel rapport, marru tal-Enemalta u qabdu jirrangaw dak li kien hemm. Meta saru dawn l-isparks is-socjeta' kienet qed tpoggi l-bricks fuq il-parti ta' wara tas-site, u ma kien hemm l-ebda vettura jew krejnijiet jew affarijiet simili vicin dawn il-wires tal-Enemalta.

Ix-xhud spjega li x-xoghol li kien qed isir kien qed isir bl-idejn, u kien qed jinbena hajt. Sussugwentement, mitlub jghid jekk kienx hemm xi komunikazzjoni bejnhom u bejn l-Enemalta rigward din il-kwistjoni, qal li ma jidhirlux li kien hemm. Mistoqsi jekk jafx ix-xogholijiet li ghamlu l-Enemalta biex tissolva din il-problema, jghid li ma jafx lanqas. Pero' jaf li x-xogholijiet li ghamlu l-Enemalta saru dakinhar stess. Huwa ma kienx fuq il-post, pero' skont ma qalulu dawn l-impjegati, kienu qed jaghmlu xi hajt fuq in-naha ta' wara tas-site, waqt li kienu qed isiru xogholijiet rimedjali mill-Enemalta. Huwa jaf li huwa kien ipprepara statement li gie prezentat lis-socjeta' assikurattrici. L-istatement huwa esebieh u gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument JB, u qal li fuq dan id-dokument JB hemm il-firma tieghu.

**Jason Borg** rega' xehed in kontro-ezami fl-10 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li fuq is-sit in kwistjoni fi Triq il-Mizura, tal-Ibragg u cioe' fejn kienu qeghdin jibnu, huwa kien jghaddi kuljum. Il-hajt in kwistjoni li kienu qed jibnu kien parti minn dan il-blokk appartamenti li kien ser jinbena'. Mistoqsi kif kienu jdahhlu l-bricks qal li huma kienu jdahhluhom mit-triq ta' ma' genbha permezz ta' high up, u ghalhekk ma jigux affettwati l-wires li kien hemm imdendlin tal-Enemalta. Fil-faccata ta' dan il-bini, huwa jaf li kien hemm pole gdid. Jidher li l-wire ma kienx ghadu imwahhal mal-faccatta, kien imwahhal ma' dan il-pole. Fil-fatt kien imwahhal hekk minn qabel ma' beda jibni hu.

**Paul Galea** xehed in kontro-ezami fis-16 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li huwa ma kienx fuq il-post meta sehh l-incident u l-ahhar darba li kien acceda fuq il-post qabel l-incident kien xhur qabel ghax kienet saret applikazzjoni minn certu Michael Bonello biex icaqalqu l-linji tad-dawl sabiex ikun jista jaqa' l-bini. Ix-xhud kien ufficjal fuq id-distrett u kien qabad l-applikazzjoni u mar fuq is-sit biex jara x'tinvolvi din il-bicca operazzjoni. Din l-operazzjoni saret mill-Enemalta, ghal habta ta' April 2009.

Huwa stqarr li f'dan il-kaz kien inqala bracket wiehed u hallew il-linji mdendlin peress li ried jaghti d-dawl lil

haddiehor. Ikun hemm hames linji u dawn jigu bunched flimkien biex min ikun irid ihott il-bini jkollu inqas diffikulta'. Dan il-bunching isir mill-Enemalta stess. F'dak il-kaz ma kienx hemm bzonn li jigu supportjati ghax kien hemm plot wiehed. Dawn fil-fatt kienu sospenduti.

Meta kien gie infurmat li kien hemm incident, huwa mar fuq il-post sabiex jinvestiga. Ix-xhud sab li dawn il-wires li kienu imdendlin, ma baqghux imdendlin hekk izda kienu imtellghin jew impoggija ghal fuq il-gallarija, wara li kien inhatt il-bini u rega' inbena. Sa fejn kien jaf ix-xhud, dan sar minn min kien qed jibni u zgur mhux mir-rapprezentanti tal-Enemalta ghax huma qatt ma gew mghajta f'dan l-intervall. Allura meta bdew dehlin it-torba u l-affarijiet, bdew jghaddu minn fuq dawk il-wires. Huwa qal hekk ghax meta mar fuq il-post tal-incident sabhom hekk il-wires.

Ix-xhud mar fuq il-post dakinhar tal-incident. Huwa tkellem mal-haddiema li kienu fuq il-post, pero' ma jiftakarx x'kienu qalulu l-haddiema. Il-wires kienu f'kundizzjoni mgharrqin hafna. Ix-xhud tenna li l-insulation ta' dawn il-wires fil-fatt kien maqsum u l-copper kien qed jidher u dawk huma live u fil-fatt beda jghajjat maghhom minhabba l-periklu li kien hemm. Fil-fehma tax-xhud dan kien genn, ghax lanqas ghamlu tavlun fuqhom sabiex jiksuhom. Pero' huwa ma sabx trab fuqhom ghalkemm kien hemm it-trab kullimkien u kienu mimlija bit-trap. Fil-fatt kienu jghaddu minn fuqhom peress li l-cables in kwestjoni kienu maqrusin. Ix-xhud ma rahomx jghaddu minn fuqhom ghax kieku kien iwaqqafhom. Huwa sostna li wahedhom ma jistghux jitqarsu, u jekk ikunu esposti ghall-elementi, mhux ha jigrilhom hekk wahedhom. Huwa kkonkluda li dawk kienu gew maltrattati.

**Manuel Briffa** xehed in kontro-ezami fil-25 ta' Frar 2013 fejn iddikjara li huwa kien mar fuq il-post wara li sehh l-incident in kwistjoni. Ghalhekk huwa ma jafx kif kienet is-sitwazzjoni qabel l-incident. Mistoqsi min effettivament ibbunchja l-linji flimkien wiegeb li ma jafx pero' wisq probabli kien il-kuntrattur. Dan kif irrizulta mir-ritratti kif kienu ibbunchjati ghax l-Enemalta qatt ma jaghmlu hekk.

It-teknika taghhom hija li jhallu l-linji mdendlin. Mistoqsi f'liema kundizzjoni kienu dawn il-wires wiegeb li kienu tajbin. Meta mar fuq il-post kienu kollha mghaffgin u marbutin flimkien u kollha daqqiet. Ix-xhud stqarr illi ma kien hemm hadd meta mar fuq il-post u ghalhekk ma jafx fejn kienu qeghdin ix-xogholijiet. Kien hemm karretta propju hdejn il-linji.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

Hawnhekk si tratta ta' Culpa Aquilina. Skond l-**Artikolu 1031 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, kulhadd iwiegeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu**. L-Artikolu 1032 tal-kap 12** tal-ligijiet ta' Malta jagħti definizzjoni tal-ħtija u cioe' ghandu jitqies "*fi ħtija kull min fl-egħmil tiegħu ma jużax ilprudenza d-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*." Isegwi li sabiex l-atturi jirnexxu f'din il-kawża ta' danni, huma ghandhom jipprovaw li sofrew ħsara, bil-ħtija (kif imfissra fl-**Artikolu 1032**) tal-konvenuti jew min minnhom.

Fil-kaz in ezami jista' jinghad li d-danni li sofrew l-atturi konjugi Muscat ma ġewx kontestati u konsegwentement ippruvati pero' su due piedi ma jirriżultax, min mill-konvenuti huwa responsabbli sabiex jaghmel tajjeb ghal dawn l-istess danni u ghalhekk min hu responsabbli, u dan hu proprju l-esercizzju li ser taghmel din il-Qorti.

Kif jinghad fis-sentenza moghtija nhar it -28 ta' Lulju, 2011 fl-ismijiet "**GO p.l.c. vs Charles Dimech**" ġie ritenut li "*hu pacifiku li l-ligi trid illi min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu, imma mhux aktar minn hekk.*"

Il-Qorti tal-Appell, fid-9 ta' Frar, 2005, fl-Appell Civili fl-ismijiet "**Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta P.l.c. et**" irriteniet illi:

*"Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita extra kontrattwali u tenuncja r-regola li l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi*

*negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabilita` ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli, li tista' tkun doluza jew kolpuza. Imgieba din li ghandha jkollha necessarjament ness ta' kawzalita` mal-event dannuz*;"

L-atturi qed jibbazaw il-pretensjonjiet taghhom fuq il-htija Aquiliana li tippresupponi fatti li minnu titnissel ex nunc. F'din it-tip ta' azzjoni kontrarjament ghal dik kontrattwali ma hemmx rabta obbligatorja antecendenti ghal att jew ommissjoni li jaghti lok ghad-dannu li l-atturi jallegaw li gie lilhom kawzat. Fuq l-atturi jintefa' l-oneru li jippruvaw in-nexus bejn l-agir tal-konvenuti u d-dannu minnhom soffert (ara '**Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe'**, PA 03/07/2003 fost hafna ohrajn li jenuncjaw dan il-principju bazilari tad-dritt).

Ovvjament kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dak l-uzu (**art. 1030 Kodici Civili**). Dan il-qies insibuh fl-**Artikolu 1032(1)** fejn kif enuncjat aktar 'l fuq il-ligi tispjega li jekk ma tintuzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, titwieled ir-responsabbilta' ghad-danni.

Armata b'dawn il-principji, l-Qorti fl-ewwel lok trid tara jekk il-hsarat sofferti mill-atturi kienux ir-rizultat tal-operat tal-persuni mqabbda mis-socjeta konvenuta G&P Borg Limited sabiex jaghmlu xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-fond proprjeta ta' terzi gewwa is-Swieqi jew il-hsarat sofferti minnhom kienx xi rizultat tal-Korporazzjoni Enemalta. Li kien hemm il-hsarat hu indiskuss. Dan hareg car minn ezami tal-bosta ricevuti prezentati fl-atti mill-atturi li ma gewx kontestati. Li dawn il-hsarat sehhew
ukoll waqt li l-konvenuti kuntratturi G&P Borg Co. Limited kienu qed jahdmu fil-vicinanzi hu wkoll indiskuss. Pero' l-atturi ma jistghux jieqfu hawn. Iridu jippruvaw illi l-hsara hi l-konsegwenza tal-operat tal-konvenuti jew min minnhom.

Il-gurisprudenza tghallimna illi:

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn*

*listess spjegazzjonijiet kienux, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mil-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment; ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli*" ('**Emanuel Ciantar vs David Curmi et', **PA 28/03/2003).

Inoltre, kif intqal fil-kawza, '**Mifsud vs Camilleri'** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-15 ta' Dicembru, 2004, intqal li: "*Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu jrid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu*". Intqal ukoll fil-kawza '**Captur vs Borg'**, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1993, illi *"kull min, b'xoghol konness ma' kostruzzjoni, jaghmel hsara lill-vicin, jirrispondi ghad-danni."*

**Il-Fatti:**

Illi l-attur spjega fix-xhieda tieghu li nhar is-6 ta' Ottubru 2009 meta kien id-dar fi Triq il-Mizura, Swieqi ghall-habta tad-9.30am intefa' d-dawl tad-dar tieghu u ntefa' kollox. Huwa hareg barra u jghid li ltaqa' mas-Sur Briffa rapprezentant tal-Korporazzjoni Enemalta li allegatament qallu li kien hemm problema fil-main u li ghalhekk kellu jitfi kull ma hemm izda kien ser jittranga kollox. Jghid li wara xi hin, il-foreman qallu sabiex jixghel kullimkien izda xejn ma hadem u sab li kellu hafna hsarat kif deskritti fid-dokument CSH 2. Jghid li ghalhekk huwa ghamel rapport ghand il-Pulizija Ezekuttiva u ghadda sabiex jaghmel claim mal-Korporazzjoni kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti u mmarkati bhala dok CSH 1 u CSH 4 rispettivament. Illi huwa esebixxa numru ta' dokumenti sabiex jissostanzja d-danni li huwa sofra, liema dokumenti u ricevuti ma gewx kontestati u kkonferma li d-danni sofferti minnu skond ix-xhieda tieghu tad-19 ta Jannar 2011 jammontaw ghal

tmint elef, mija u tnejn u disghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€8,192.87) [Dok Z fol. 64 u 65].

L-attur ipprezenta wkoll ittra li huwa kien ircieva minghand il-Korporazzjoni Enemalta datata 22 ta' Dicembru 2009 mmarkata bhala Dok CSH 22 esebita a fol. 57 fejn hemm indikat li l-Korporazjoni ma kinitx qed taccetta responsabbilita' stante li fil-fehma taghha il-hsara kienet giet kagunata f'sit taht kostruzzjoni fi Triq il-Mizura, Swieqi tramite il-kuntrattur G&P Borg Ltd . Fil-fatt hemm indikat li dan il-kuntrattur qabad u rabat il-linji u minhabba ir-rih u *friction* dawn kisru linji ohra fil-vicinanzi.

L-attur kien qabbad ukoll Ingineer sabiex jinvestiga u jara x'kienet ir-raguni li huwa sofra dawn id-danni minhabba differenza fil-voltagg tal elettriku u l-ingineer Victor Bonello ikkonferma li l-hsarat kienu rizultat '*by over voltage due to Neutral disconnection fault from the overhead supply lines' (*vide Dok CSH 3 a fol. 22 tal-atti).

Emmanuel Briffa, Technical Officer mal-Korporazzjoni Enemalta xehed u kkonferma li huwa kien ghamel inspection fuq is-sit fejn kien qed isir xi bini mis-socjeta' konvenuta G&P Borg Co Ltd. Jghid li fuq il-post sab il-linji kolha imqacctin, jghid li l-linji kienu kollha ibbuncjati u in-neutral kien maqtugh u kien ghalhekk li tela' il-vultagg. Huwa fil-fatt gibed numru ta' ritratti li jinsabu esebiti fl-atti a fol. 96 et seq li juru l-istat tal-linji in kwistjoni. Fil-fatt minn ezami fil-vicin tal-linji jidher l-iswidija li harget mill-cable.

Is-socjeta' konvenuta G&P Borg Co Limited resqet bhala xhud lil Jason Borg li kkonferma li waqt li kellu xi haddiema fuq is-sit dawn irraportawlu li kien hemm xi spark mill-linji tal-elettriku li kienu imdendla mal-faccata tas-sit fejn kienu qed jahdmu. Jghid li fuq il-post ma marx. Mistoqsi min kienu dawn il-haddiema jghid li kienu barranin u m'ghadhomx jahdmu mieghu. Ikkonferma li dakinhar stess kien hemm xi haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta li ghamlet xi xoghol biex tirranga il-qtugh tad-dawl li kien hemm. Ix-xhud ma kienx f'posizjoni li jghid u jispjega x'gara dakinhar tal-incident ghaliex fuq il-post ma

kienx u s-socjeta’ konvenuta naqset li tressaq xi haddiem taghha li kien qed jahdem fuq il-post dakinhar sabiex jispjega f aktar dettal dak li kien effettivament gara.

Paul Galea kkonferma li  wara li kien sehh l-incident mar fuq il-post u ra li l-wires kienu f’kundizzjoni hazina hafna, jghid li kienu mghottija bit-trab, kienu maqrusin. Jghid li kienu gew maltrattati. Mistoqsi jekk dak li gara setghax kien rizultat tal-elementi tan-natura jghid li wahedhom il-linji ma jitqarsux  u ma jispiccawx fl-istat li rahom hu. Ikkonferma li l-linji gew maltrattati.

Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova li huwa sofra Danni kif fuq spjegati u dawn gew kagunati mis-socjeta’ konvenuta G&P Borg Co. Limited u ghalhekk hija din is-socjeta’ wahedha li ghandha twiegeb ghal dawn il-hsarat.

**Ghalhekk, din il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u filwaqt li tilqa’ wkoll l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta, qieghda tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u qieghda tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta G&P Borg Co. Limited sabiex thallas lill-atturi is-somma likwidata minnha fl-ammont ta’ tmint elef, mija u tnejn u disghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€8,192.87).**

**L-imghax jiddekorri mil-lum, il-jum meta giet likwidata is-somma dovuta lill-atturi u l-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta’ konvenuta G&P Borg Co. Limited.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------